**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 26 ta' April, 2017**

**Citazzjoni Nru: 84/2012 AF**

**Antonio Busuttil**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija,**

**Kummissarju tat-Taxxi u**

**l-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Antonio Busuttil li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fil-25 ta' Marzu 2011 harget akkuża fejn huwa gie mitlub jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-seduta tas-6 ta Mejju 2011 akkuzat talli bhala Direttur tal-kumpanija Marsalite Limited (C-338) ghas-snin 2003, 2004, 2005 u 2006 b'diversi atti maghmulin

minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa u skont id-disposizzjonijiet tar-Regoli imsemmija fis-subartikolu 1 u 2 tal-Artikolu 23 tal-Kap. 272 kif ukoll fir-Regoli tal-1998 dwar il-Final Settlement System (FSS) (A.L. 88/1998) mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi Artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Marzu 2012, wara li l-Qorti rat l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligi ta' Malta u 23(1) u (2) tal-Kap. 372 tal-Ligi ta' Malta, kif ukoll ir-Regolamenti 15 u 20 tal-Avviz Legali 88 tal-1998 sabet lill-esponenti hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' €400, u l-istess Qorti ziedet illi peress illi l-esponenti ma ghadux legalment jirrapprezenta lis-socjetà Marsalite Limited, il-Qorti ma mponitx multa addizjonali.

L-esponenti appella minn din is-sentenza u appella wkoll l-Avukat Generali.

B'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Dicembru 2012 fir-rigward taz-zewg appelli fuq imsemmija, il-Qorti tal-Appell qatghet u ddecidiet billi ddisponiet mill-appell tal-esponenti billi cahditu u kkonfermat l-ewwel sentenza sa fejn din imponit multa ta' €400 fil-konfront tal-esponenti u fir-rigward tal-appell tal-Avukat Generali, laqghet l-appell tal-Avukat Generali u rriformat is-sentenza appellata billi giet kkonfermata f'dik il-parti fejn sabet lill-esponenti hati tal-unika imputazzjoni dedotta kontra tieghu u giet rriformata fil-parti tal-piena billi filwaqt li konfermat dik il-parti fejn ikkundannat lill-esponenti multa ta' €400, imponiet multa addizjonali ta' €4 ghal kull gurnata li matulha jkompli r-rejat u dan skont id-dispost tal-Artikolu 23 (13 tal-Kap. 372 tal-Ligi ta' Malta).

L-esponenti jsostni illi l-imsemmija zewg sentenzi kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-ligi taht il-Kap. 372 u taht l-Avviz Legali 88 tal-1998 kif ser jinghad hawn taht huma anti-kostituzzjonali u jiksru d-drittijiet fondamentali tal-esponenti

kif sanciti fl-Artikolu 1 Protokol 1 u fl-Artikolu 6 tal-Kap. 319 kif ukoll tal-Artikoli 37 u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-fatti fil-qosor huma dawn:

Fl-1996 l-esponenti dahal jahdem mal-kumpanija Marsalite Limited u xoghlu kien li jiehu hsieb is-sales.

Fis-sena 2001 wiehed mis-shareholders tal-kumpanija, MCL Limited riedet tbiegh s-shares. Dak iz-zmien kien hemm zewg persuni ohra li kienu diretturi u cioè Ronnie Cauchi (Managing Director) u kif ukoll David Agius (Worker Director). Saqsew lil-esponenti kienx interessat li jidhol shab maghhom fis-sens u jsir shareholder u l-esponenti accetta u meta hargu l-MCL Limited, l-esponenti dahal b'shareholding ta' ftit anqas minn 25%. Dakinhar l-esponenti sar direttur tal-kumpanija però xoghlu kien u baqa' biss fuq sales u ma kien involut bl-ebda mod fuq administration li baqa' f'idejn Ronnie Cauchi li kien il-Managing Director.

Billi l-esponenti ma kien jifhem assolutament xejn fuq administration u accounts, huwa insista illi jitqabbad financial controller u fil-fatt ghal dan l-iskop inhatar certu Charles Sciriha.

Wara numru ta snin il-kumpanija bdiet sejra lura u fl-2005 l-esponenti gie mistoqsi jekk kienx interessat li jitrasferixxi s-shares tieghu fil-kumpanija u fl-istess hin jghin l-kumpanija biex din tkun tista tigi fuq saqajha billi tiffranka l-paga ta l-esponenti. Eventwalment wara diversi negozjati sar ftehim li s-shares tal-esponenti jigu trasferiti lil Ronnie Cauchi u David Agius. L-esponenti spicca mil-impieg u minn direttur tal-kumpanija b'effett mil-1 ta' Marzu 2006.

Fil-meetings li saru qabel ma sehh l-ftehim imsemmi, l-unika dejn li kien jissemma' kien id-dejn mal-MCL billi kien hemm bilanc outstanding tas-shares u d-dejn li kien hemm mal-banek. Id-dejn tal-bank kien issemma' wkoll ghaliex fiz-zmien meta l-esponenti kien direttur, huwa kien wiehed mill-garanti solidali ghal dan id-dejn.

Ghalhekk meta sar il-ftehim fuq imsemmi, gie miftiehem ukoll illi l-esponenti jigi rilaxxat mid-dejn li kien hemm mal-banek u kif ukoll kien hemm xi aspetti ohra ta' natura finanzjarja. Apparti dan kellu jigi kompensat ghas-shares.

Fil-meetings kollha li saru fiz-zmien kollu li l-esponenti kien direttur, qatt ma ssemma' li kien hemm problemi ta' taxxa jew li t-taxxa provvizorja jew in-National Insurance (NI) tal-impjegati ma kienetx qed tithallas. Anzi, mill-ftit accounts li gew murija lill-esponenti ma kien hemm ebda indikazzjoni li dawn kienu outstanding. Din l-informazzjoni giet mohbija minnu. Da parti tal-esponenti, billi huwa wkoll kien impjegat, l-esponenti kien jircievi l-FS3 tieghu kull sena u l-NI u l-*provisional tax* tieghu kien jigi indikat bhala mhallas u ghalhekk meta l-esponenti spicca minn mal-kumpanija, apparti li halla l-assi kollha f'idejn d-diretturi Agius u Cauchi, huwa ma kellux l-icken suspett li kien hemm dejn ta' *provisional tax* u NI tal-impjegati. L-assi tal-kumpanija dak iz-zmien kienu sostanzjali u bil-pakkett li gie miftiehem mieghi, dak li kellu jinghata lili ghat-trasferiment tas-shares u bilanċ li kelli niehu tal-paga tieghi kienu biss frazzjoni ta' kemm kienet tiswa l-kumpanija.

Hames snin wara li l-esponenti telaq mil-kumpanija, huwa gie akkuzat kif fuq premess u din kienet l-ewwel darba li l-esponenti sar jaf illi kien hemm pretensjonijiet minn naha tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar t-taxxa provvizorja u n-NI tal-impjegati u li allegatament il-formoli relattivi ma kienux intbaghtu. Meta l-esponenti kien direttur tal-kumpanija, dan il-fatt gie mohbi lilu mid-diretturi l-ohra. Lanqas il-financial controller Charles Sciriha qatt ma semma xejn. Huwa hass ruhu li gie ngannat minnhom.

Meta, hames snin wara, huwa gie informat bl-akkuza fuq imsemmija huwa kien ilu li telaq mil-kumpanija u ma kellux jedd li jirrapprezentaha, li jkollu access ghar-records taghha biex jibghat il-formoli jew b'xi mod jutilizza l-assi tas-socjetà biex jithallas dak mitlub mil-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Inoltre, wara li l-esponenti telaq fit-28 ta Frar 2006 l-esponenti ma kellu ebda kontroll fuq l-andament u assi tal-kumpanija izda jirrizulta li sa meta inbdew l-proceduri kontra

l-esponenti d-dirtetturi l-ohra li komplew jiġġestixxu l-kumpanija ghal-hames snin shah, gabu l-kumpanija fi stat ta falliment.

L-esponenti jzid ukoll illi bejn is-snin 2003 u 2006 il-paga tal-esponenti kienet ġġib t-total ta' cirka €60,000.

L-ammont pretiz mil-Kummissarju tat-Taxxi huwa, skond kif gie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, fl-ammont ta' ftit inqas minn €380,000.

<u>L-Lezjonijiet</u>

L-esponenti jtenni li ma kienx hemm smigh xieraq u li hemm vjolazzjoni ta-dritt ta proprjetà.

<u>Dwar Smigh xieraq</u>

Tenut kont l-premess l-esponenti jissottometti li hemm zewg aspetti li ghandhom jigu konsiderati:

1. Li wiehed mil-aggravji minnu sollevat fl-appell quddiem l-Qorti Kriminali ma giex indirizzat u deciz;

2. Li ma kienx hemm *fair hearing* u inoltre anke l-ligi ma tiggarantix dan s-smigh xieraq u li jkun hemm *equality of arms*.

<u>Aggravju mhux deciz</u>:

Wara li l-esponenti nstab hati mill-Qorti tal-Magistrati kif fuq premess, huwa intavola appell u l-ewwel aggravju tal-esponenti kien illi fl-akkuza msemmija, huwa gie akkuzat <u>talli naqas milli jibghat il-formoli tat-taxxa</u>. <u>Fil-fatt jirrizulta illi dawn il-formoli, bhala formoli, kienu ntbaghtu</u>. Ghalhekk l-esponenti ikkontenda illi l-akkuza kif dedotta ma setghetx treggi u stante illi huwa ma giex akkuzat li ma baghatx il-hlas ma setax jinstab hati ta' akkuza li ma kienitx giet dedotta fil-konfront tieghu.

Dan l-aggravju ma giex determinat jew deciz u ghalhekk umilment jissottometti illi dan jekwivali ghal nuqqas ta' smiegh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6 tal-Kap. 319 u fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u konsegwentement irendi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell bhala wahda nulla u bla effett. Id-dritt tal-esponenti li jkollu smigh xieraq jinkludi element li m'hux talli kull aggravju ghandu jigi indirizzat, talli kull decizjoni fuq l-aggravju ghandu jigi ben motivat tant illi *"when a motivation is lacking altogether, the remedies provided for are likely to become illusory (Judgement of the ECHR 16 December 1992 - Hadjianastassiou papa 34-36) – Ara wkoll (Judgement of the 19th December 1997 – Helle para 60, judgement of the 27th September 2001 Hirvisaari para 30 -32 u judgement of the 7th July 2004 H.A.L. vs Finland para 49-52).*

**Smigh xieraq**

<u>Presunzjoni ta innocenza:</u>

Id-dritt ta smigh xieraq huwa fondat fuq l-principju fondamentali tar-*rule of law*. F'process ta' indoli Kriminali l-akkuzat huwa presunt innocenti u dan jfisser li hija l-akkuza li trid iggib prova sodisfacenti. Fil-kaz odjern l-ligi tistipula li nuqqas *de quo* hija applikabili *across the board* fil-konfront tad-diretturi kollha independentement tar-rwol u poteri taghhom. Fil-kaz odjern sar ezercizzju kliniku bhal li kieku qed issir formola:

Direttur + nuqqas ta dokumenti = htija

Minghajr l-possibilità lid-direttur koncernat li jiddifendi l-posizzjoni tieghu. F'ghajnejn l-Ligi u f'ghajnejn l-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti tal-Appell fis-sentenzi fuq imsemmija, l-fatt li l-esponenti kien in *buona fede*, li d-diretturi l-ohra ma wrewh b'xejn u li d-dokumenti li gew murija lilu indikaw li ma kienx hemm in-nuqqasijiet lamentati, li l-esponenti ma kienx involut fl-amministrazzjoni u li xogholi kien biss fuq sales u li ma kellux l-poter u lanqas l-informazzjoni biex jibghat l-formoli jew li jhallas t-taxxi in kwistjoni ma kienu ta' ebda relevanza. Fil-kaz odjern hemm "*presumption of guilt*" mill-

mera fatt li l-esponenti kien direttur u ghalhekk l-esponenti jtenni li hawn ukoll hemm lezjoni tad-drittijiet kif sanciti mil-Kostituzzjoni u l-Kap 319.

*Reasonable time*

Inoltre, l-akkuzi fil-konfront tal-esponenti gew intavolati snin wara li l-esponenti kien già spicca minn direttur tal-kumpanija. Dan d-dewmien kien ta' pregudizzju serju tal-esponenti. L-akkuza tmur lura ghal-allegat nuqqas li beda jsehh *ad insaputa* tal-esponenti sa mis-sena 2003 u baqa jsehh sal-2006. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni bis-sistemi moderni komputerizzati certament kien konxju ta dan in-nuqqas *a tempo vergine* u ma kien hemm assolutament xejn xi jzommu milli jiehu passi mil-ewwel u mhux ikarkar saqajh ghal numru ta snin. Kieku l-passi ittiehdu waqt li huwa kien ghadu direttur kien jkun jista' jirrimedja, apparti l-fatt li kien jigi accertat li s-sitwazzjoni ma taggravax ruha u tkompli ghal numru ta snin. Inoltre, sal-mument li ttiehdu l-proceduri kontra l-esponenti, s-socjetà Marsalite giet fi stat ta' falliment u ghalhekk dan ukoll holoq pregudizzju serju lill-esponenti billi taffettwa severament d-dritt tieghu ta' rivalza kontra l-istess socjetà u dan kif jigi provat aktar fid-dettal waqt l-andament tal-kawza. Inoltre, stante li l-passi ittiehdu iktar minn hames snin wara li l-esponenti kien gjà temm l-impieg tieghu, minhabba d-dewmien tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, l-esponenti sab ruhu fi stat li kien impossibli ghalih li, anke kieku ried, jadempixxi dak li kien qed jigi mitlub minnu. Kieku l-esponenti kien ghadu direttur fil-kumpanija forsi kien jista' jaghmel xi haga izda bil-fatt li l-esponenti spicca minn direttur u ma kellu access ghall-ebda dokumenti jew assi tal-istess kumpanija u sahansitra lanqas legalment ma seta' jaghmel kwalsiasi att in rapprezentanza tal-istess socjetà. L-esponenti gie fi stat fejn dak li kien qed jintalab minnu kienet xi haga li kienet impossibli ghalih li jadempixxi.

L-esponenti jikkontendi li d-dritt li jkun hemm smigh xieraq fi zmien ragonevoli anke ghar-rigward ta' proceduri ta indoli kriminali jfisser li jekk ghandhom jinhargu akkuzi, dawn ghandhom jinhargu malajr kemm jista' jkun tenut kont l-komplessità tal-kaz, l-istat tal-individwu koncernat u "*what is*

*at stake for the defendant*". Fil-kaz odjern kieku l-proceduri ittiehdu mil-bidu nett s-sitwazzjoni kienet tkun kompletament differenti – u dan apparti l-fatt li illum l-gurnata l-esponenti twieled fl-1947 u l-proceduri bdew wara li ntemmet l-hajja lavorattiva tal-esponenti u suppost beda jgawdi hajja aktar trankwilla bl-irtir tieghu ghal-hajja ta' pensjonant. B'rizultat tal-process imsemmi l-esponenti sab ruhu f'sitwazzjoni fejn huwa impossibli ghalih biex jirrimedja – u dan tort tan-negligenza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jipprocedi fi zmien ragonevoli. Il-kaz innifsu mhux ta' komplessità partikolari u vis-a-vis l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, kien jkun jista jiddetermina l-istat ta fatt *at the touch of a button.*

*Fair hearing u equality of arms*

Id-dritt li l-esponenti jkollu smigh xieraq jimplika li jkun hemm certezza legali (legal certainty) sabiex "*An end is put to the insecurity into which a person finds himself*". Dan jimplika li dan l-allegat reat, bhal kull reat iehor, ghandu jkollu z-zmien preskrittiv tieghu. Fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi a tenur tal-Artikolu 23 (13) tal-Kap. 372 tal-Ligi ta' Malta ma jghaddi l-ebda perjodu preskrittiv sakemm "min jaghmel reat" jottempera ruhu mal-ligi.

Jekk bniedem jottempera ruhu, r-reat in kwistjoni jispicca u ma jaghmilx sens li wiehed jitkellem fuq preskrizzjoni ta reat inezistenti. Kif giet interpretata l-ligi u jekk l-interpretazzjoni hi korretta, kif inhi l-ligi, dan ifisser li l-akkuza kif dedotta qatt ma hija preskrivibbli u huwa reat perpetwu – haga li hija guridikament inkoncepibbli u tledi d-dritt tal-esponenti li jkun hemm "*legal certainty*". Certament ma hemmx relazzjoni ragonevoli ta' proporzjonalita bejn id-dritt tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jezigi hlas tat-taxxa provizorja u NI mill-banda 'l wahda u l-fatt li n-nuqqas tal-kumpanija li tadempixxi dan l-obbligu u d-dritt tal-Kummissarju jipprocedi kriminalment kontra d-diretturi meta jrid minkejja t-trapass ta' kull zmien.

Wiehed ma jridx jinsa li t-taxxa u NI per se huma dovuta mill-kumpanija u mhux mid-diretturi personalment u dan billi

hija l-kumpanija li hija l-employer. Kull bniedem ghandu dritt li jkun jista' jiddefendi ruhu b'mod xieraq u li jkollu mezzi ghad-difiza tieghu almenu daqs jekk mhux aktar minn dawk li jkollha ghad-disposizzjoni taghha l-prosekuzzjoni u inoltre, ghandu dritt ukoll jistenna illi wara zmien ragonevoli jkun hemm certu certezza dwar l-istat li jinsab fiha. Huwa proprju ghalhekk illi tapplika l-preskrizzjoni anke fil-kamp penali u hija haga tal-iskantament illi ghal reati ferm aktar serji fejn jaffettwaw il-persuna ta' bniedem tapplika l-preskrizzjoni izda mbaghad f'aspett ta' natura fiskali tax-xorta in kwistjoni, il-preskrizzjoni ma tapplika qatt.

Apparti d-difiza tal-preskrizzjoni, l-esponenti jtenni li fil-kamp penali jrid jigi provat element intenzjonali. Fil-kaz odjern, kif gjà gie spjegat, l-esponenti la kien jaf u lanqas ma kien b'xi mod negligenti. Minn mindu sar direttur fl-2001 huwa sahansitra insista li jkun hemm *financial controller* biex jiġi aċċertat li kollox jsir skond l-ligi u dan partikolarment billi l-esponenti bl-ebda mod ma kien involut fl-amministrazzjoni u l-accounts. Huwa agixxa b'responsabbilità kbira u meta ra li l-kumpanija kien qed ikollha problemi mal-Banek u mal-MCL u li anke setghu jitilfu l-impieg taghhom impjegati li ghadhom qed irabbu lil uliedhom, fl-età ta 59 sena, bi ftehim mad-diretturi l-ohra accetta li jitlaq mil-impieg (zmien meta huwa difficli ferm li wiehed jsib impieg iehor) biex b'hekk l-kumpanija tiffranka l-paga tieghu. Agir certament altruwistiku biex telaq hu minflok ma tkecca hadd iehor.

<u>Stat ta impossibilità:</u>

Gie ritenut illi l-obbligu fuq l-esponenti li jottempera ruhu li gie mitlub fir-rigward tal-formoli u hlas ta' taxxa jibqa' jsehh fuq l-esponenti sakemm idum haj u dan bhal li kieku l-fatt li huwa spicca minn direttur ma kien ta' ebda valur. L-esponenti jissottometti li dan m'ghandux ikun il-kaz. L-esponenti ma jistax jigi tenut li jaghmel xi haga meta dak li qed jintalab li jaghmel:

i. ma jistax jaghmlu ghax m'ghadux access tal-assi u informazzjoni necessarja biex jkun jista' jaghmel dak li qed jintalab minnu;

ii. legalment huwa m'ghandu ebda dritt jew jedd li jaghmel kwalsiasi att in rappresentanza tas-socjetà Marsalite.

Il-Qorti tal-appell ikkonkludiet li meta huwa telaq mil-impieg, dan ghamlu minn jeddu u ghalhekk kienet "*self inflicted*". Jigi rilevat li l-esponenti telaq 4 snin qabel ma saru l-akkuzi u ma kellux l-icken ideja li kien hemm l-problema *de quo*. Dan ma kienx kaz fejn xi hadd jirrizenja fil-mori ta proceduri jew meta jkun jaf li hemm proceduri imminenti. L-esponenti ma jistax jigi mgieghel jibqa' socju ghal ghomru u kellu kull dritt jiehu d-decizjoni li ha. Meta talaq il-kumpanija kienet ghadha tinnegozja u kellha *business* miexi. Ma telaqx biex jevita l-proceduri imsemmija. Fil-fatt intlahaq ftehim li z-zewg diretturi l-ohra jiehdu *over*.

Apparti dan, l-esponenti, <u>wahdu</u> ma kellhux il-poter u lanqas ir-rwol li jiehu hsieb li jintbaghtu l-formoli relattivi u li tithallas it-taxxa. Huwa qatt ma kellu l-poter li jiffirma dawn id-dokumenti.

Huwa qatt ma gie mgharraf li kien hemm in-nuqqasijiet fuq imsemmija u sar jaf biss hames snin wara li spicca minn direttur tal-kumpanija u inoltre, waqt li kien ghadu direttur tal-kumpanija, dawn l-affarijiet baqghu mistiera lilu u gew mohbija lilu mid-diretturi l-ohra u anke mill-*financial controller* u ghalhekk l-esponenti hass li huwa gie totalment ingannat minnhom.

Biex isehh reat irid jkun hemm l-aspett volontarju (*mens rea*). Ma giet provata ebda *mens rea* u apparti dan gie ipprovat li l-esponenti lanqas biss kien jaf, ahseb u ara kemm seta kellu intenzjoni kriminali.

Lanqas ma jista' jinghad li kien hemm xi ommissjoni jew negligenza u dan billli l-fatti relevanti gew kollha mistura minnu. Id-diretturi l-ohra kellhom f'idejhom l-assi u kontroll tal-kumpanija u jekk dawn approprijaw l-assi tal-kumpanija minflok hadu hsieb jaghmlu l-pagamenti talvolta dovuta lil-Kummissarju tat-Taxxi, l-esponenti ma jistax jigi tenut responsabbli ghal xi haga li ma ghamilx u li ma kienx jaf biha. L-amministrazzjoni tal-flus tas-socjetà qatt ma kienet f'idejh.

F'dan il-kaz l-esponenti huwa l-vittma ta' dawn ic-cirkostanzi u l-fatt li ttiehdu proceduri kriminali kontra tal-esponenti u l-fatt li nstab hati, huwa aggravju ulterjuri ghas-sofferenzi già sofferti minnhu.

Dritt ta' proprjetà, piena u konsegwenzi tal-process

Jigi rilevat ulterjorment ukoll illi bejn is-snin 2003 u 2006 l-esponenti qala' ċirka €60,000 bhala paga tieghu mill-kumpanija u sahansitra fil-proceduri msemmija, kif anke hemm indikat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, huwa qed jigi mistenni li jhallas ammont ta' madwar €380,000, ammont ferm u ferm aktar mis-salarju tal-esponenti u jekk jigi mgieghel ihallas dan l-ammont, dan ikun b'lezjoni serja ghad-dritt ta' propjetà tal-esponenti u li sahansitra b'rizultat tal-fatt li huwa jkun sar direttur tal-kumpanija flok misjub ruhu li mar pass 'il quddiem, isib li huwa fil-fatt mar ghaxar passi lura.

Apparti dan anke l-piena inflitta hija wahda gravuza u tmur oltre l-limiti tal-proporzjonalità.  Apparti taxxi u multi addizzjonali u interessi dipartimentali, ġiet inflitta piena gjornaliera li tibqa' fis-sehh sakemm ma tiġix ottemperata s-sitwazzjoni.  L-esponenti hu fi stat ta impossibilità li jattwa dak li qed jintalab minnu u f'cirkostanzi simili mhux xieraq li tiġi inflitta piena li tista' tghid ser tibqa fis-sehh ghal żmien hekk indeterminat u dan tenut kont tal-fatt li l-uniku introjtu tieghu hija l-pensjoni statali.

L-esponenti ghandu dritt igawdi hwejjgu u ma hemm ebda proporzjonalità  tal-mizuri dedotti kontra tieghu tenut kont l-fatti speci kollha tal-kaz kompriz però mhux limitat ghal fatt li l-proceduri ttiehdu snin wara li l-esponenti spicca mill-impieg, l-ammont ta' taxxi involuti jissuperaw bil-bosta l-introjtu tieghu mil-istess socjetà, li huwa prezunt li l-esponenti kellu dritt jithallas ta xogholu, li l-esponenti kien *in buona fede* u diment li kien impjegat mas-socjetà ma kien jaf b'xejn mill-kwistjoni. Ma hemmx *a fair balance* u hemm *a disproportionate burden* impost fuq l-esponenti.

Il-proceduri fuq imsemmija ikkawżaw stress qawwi fuq l-esponenti u anke żviluppa l-*asthma* (fejn qabel ma kellux) u anke effetwah f'sahhtu u l-istat mentali tieghu.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li bis-sentenzi fuq citati gew lezi d-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sanciti bl-Artikoli 6 u l-Art. 1 Protokol 1 tal-Kap. 319 u l-Art. 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Tiddikjara dawk il-partijiet tal-Kap. 372 u l-Avviz Legali 88 tal-1998 imorru kontra l-artikoli fuq citati tal-Kap. 319 u l-Kostituzzjoni ta' Malta f'dak li jirrigwarda r-responsabbilità personali ta' direttur ta' kumpanija wara li jispicca minn din l-kariga u l-mument li jibda jsehh iz-zmien ghall-finijiet tal-preskrizzjoni;

3. Taghti rimedju xieraq u effettiv kompriz però mhux limitat ghat-thassir tas-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u tal-Qorti tal-Appell fuq citati kif wkoll tikkundanna lill-intimati jhallsu kumpens ghad-danni attwali u danni morali sofferti mill-esponenti minhabba l-process u proceduri imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimati Kummissarju tal-Pulizija, Kummissarju tat-Taxxi u l-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepew illi:

Preliminarjament jinħass li l-Kummissarju tat-Taxxi ġie mħarrek għalxejn f'dawn il-proċeduri għaliex skont l-**artikolu 181B tal-Kap 12 ta-Liġijiet ta' Malta** huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur biex iwieġeb għall-ilmenti mqanqla mir-rikorrent. Fl-ispeċifiku l-Kummissarju tat-Taxxi ma jerfa' l-ebda responsabbilità għall-operat tal-qrati kriminali, aktar u aktar meta wieħed iqis li l-imsemmi Kummissarju lanqas biss kien parti fil-proċeduri kriminali li qegħdin f'din l-istanza jiġu attakati mir-rikorrent. Hekk ukoll, il-Kummissarju tat-Taxxi ma huwiex l-entità kompetenti biex jirrispondi għal allegazzjonijiet

ta’ ksur ta’ jeddijiet fundamentali li huma mnissla minn dispożizzjonijiet tal-liġi. Għalhekk f’dawn iċ-ċirkostanzi l-Kummissarju tat-Taxxi għandu jiġi meħlus mill-ħarsien ta’ dan il-ġudizzju;

*In linea* preliminari wkoll, mhuwiex aċċettabbli li r-rikorrent jiċċensura u jattakka l-liġi fl-astratt mingħajr ma jispeċifika liema huma dawk id-dispożizzjonijiet li suppost imorru kontra l-**Kostituzzjoni ta’ Malta** u l-**Kap 319 tal-Liġijiet ta’ Malta**. Għalhekk biex anke jiġi żgurat ħarsien sħiħ tar-**regolament 3 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09)**, b’riferenza partikolari għat-tiena talba tiegħu, ikun ferm aħjar li r-rikorrent jindika espliċitament liema huma dawk l-artikoli tal-liġi meħuda mill-**Kap 372 tal-Liġijiet ta’ Malta** u mill-**Avviż Legali 88 tal-1988,** li skont hu, qegħdin jiksrulu l-jeddijiet fondamentali tiegħu ta’ smiegħ xieraq u tal-proprjetà. Dan sabiex kemm l-esponenti u kif ukoll il-Qorti jkunu f’posizzjoni aħjar li jittrattaw il-lanjanzi kostituzzjonali tiegħu;

Dwar l-ewwel ilment tar-rikorrent u ċjoè li l-Qorti tal-Appell Kriminali naqset milli tqis wieħed mill-aggravji li huwa kien ressaq fir-rikors tal-appell tiegħu, jingħad li kif mgħallem mill-Qrati tagħna, bħala prinċipju d-dritt għas-smigħ xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu iżda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali (indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-ġudikant, *audi alteram partem* u smigħ u pronunċjament tas-sentenza fil-pubbliku) illi huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Tassew il-funzjoni tal-Qorti fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati oħra biex tiddeċiedi jekk dawn ġewx deċiżi sewwa jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-**Kostituzzjoni** jew il-**Konvenzjoni Ewropea**;

Minn dak li jistgħu jaraw l-esponenti, ir-rikorrent b’dan l-ilment partikolari qiegħed jipprova jistieden lil din il-Qorti b’setgħat kostituzzjonali sabiex tagħmilha ta’ qorti tat-tielet grad biex tistħarreġ il-meritu li ġjà ġie deċiż mill-Qorti tal-Appelli Kriminali. Ħaġa bħal din ma huwiex permessibli li ssir fi

proċeduri kostituzzjonali u għalhekk dan il-parti tal-ilment għandu jiġi skartat minnufih;

Iżda mingħajr ħsara għal premess mhuwiex minnu li l-Qorti tal-Appelli Kriminali ma kkunsidratx l-aggravju tar-rikorrent li kien marbut mad-denunzji tal-formoli tat-taxxi. Kif wieħed dlonk jista' josserva mill-parti razzjonali tas-sentenza, dik il-Qorti qalet espressament li, *"Hu paċifiku u inkontestat illi bħala direttur, l-imputat Busuttil kien responsabbli biex jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni d-denunzji tat-taxxa u l-ħlas relattiv għall-istess snin indkati fl-akkuża –* ***xi ħaġa illi huwa naqas milli jagħmel****."* (sottolinejar u enfażi miżjud);

Għalhekk, ladarba l-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-silta fuq imsemmija, wasslet għal konklużjoni li r-rikorrent Busuttil la kien bagħat il-formoli tat-taxxa u anqas ħallas it-taxxa, allura dan neċessarjament kellu jfisser għar-rikorrent li dan l-aggravju tiegħu ma kienx qiegħed jiġi aċċettat;

Fuq kollox imbagħad, sabiex anke tingħata tweġiba kompleta lir-rikorrent fuq din it-tema u ma tinħoloqx konfużjoni għalxejn, filwaqt li huwa aċċettat li l-formoli FS3 u FS7 ġew mibgħuta kif suppost, dak li ma ġiex sottomess mir-rikorrent huwa l-FS5 ta' kull xahar, inkluż il-pagament, u huwa propriju fuq dan in-nuqqas li huwa tressaq kriminalment;

Kwindi tħares minn fejn tħares dan il-parti tal-ilment tar-rikorrent ma huwiex wieħed mistħoqq;

Fuq il-kwistjoni tal-allegat ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza, l-esponenti jitilqu billi jgħidu illi kif imfisser f'sentenzi ewlenin mogħtija mill-Qorti Ewropeja, il-preżunzjoni tal-innoċenza tfisser, fost l-oħrajn, li l-piż tal-prova jaqa' ġeneralment fuq il-prosekuzzjoni. Biss però, dan ma jimplikax li dejjem il-piż tal-prova għandu jinġarr mill-prosekuzzjoni. Kemm hu hekk, l-**artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea** u aktar espliċitament **l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni** ma jipprojbixxux li xi liġi partikolari tistipula preżunzjonijiet ta' fatt jew ta' dritt li jaħdmu kontra l-persuna mixlija;

Dan attiż, l-**artikolu 23 tal-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta** ma joħloq l-ebda preżunzjoni legali jew fattwali kontra l-imputat. Infatti **s-subinċiż (13)** ta' dan l-istess artikolu jipprospetta l-ipoteżi ta' kummissjoni ta' reat unikament fuq kull min ma jħarisx id-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 23** u/jew tar-**Regoli dwar *Final Settlement System (FSS)* (Leġislazzjoni Sussidjarja 372.14)** li ġew promulgati skont l-**artikolu 23(1)** tal-**Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta**;

F'din il-qagħda, għalhekk l-oneru tal-prova huwa mixħut mill-bidunett fuq il-prosekuzzjoni li trid turi li l-persuna akkużata ma osservatx l-obbligi li kienu imposti fuqha skont l-**artikolu 23** u/jew tar-**Regoli dwar *Final Settlement System (FSS)***. Tassew sakemm il-prosekuzzjoni ma turix li kien hemm nuqqas ta' tħaris ta' dawn l-obbligi, l-imputat huwa dejjem meqjus bħala innoċenti. Jiġi b'hekk li d-diċitura tal-liġi bl-ebda mod ma tista' titqies bħala li xxellef il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza;

Mill-banda l-oħra għal dak li għandu x'jaqsam mall-aspett fattwali tal-kawża, effettivament f'dan il-każ, il-prosekuzzjoni seħħilha turi u tikkonvinċi lill-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali li bejn is-snin 2003 u 2006, ir-rikorrent Busuttil bħala d-direttur tal-kumpannija Marasalite Limited naqas milli josserva l-obbligi mnissla mill-**artikolu 23 tal-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta** u dan billi ma bagħatx il-formoli tat-taxxa bil-ħlasijiet relattivi;

Għaldaqstant ladarba hawnhekk is-sejbien ta' ħtija ġiet konkluża fuq is-saħħa ta' xhieda probativa fl-atti proċesswali, ir-rikorrent taħt l-ebda tiġbid ta' immaġinazzjoni ma jista' jilmenta li huwa nstab ħati fuq xi preżunzjoni jew suppożizzjoni legali;

Bla preġudizzju għal premess, safejn l-ilment tar-rikorrent jinsab imsejjes fuq id-dewmien fit-teħid tal-proċeduri kriminali, jissokta jingħad li l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** ma huwiex applikabbli peress li dan jidħol biss fejn ikun diġà mibdi proċediment ġudizzjarju quddiem qorti  F'dan il-każ, l-ilment tar-rikorrent jinsab dirett fil-konfront tal-perijodu ta' qabel ma nbdew il-proċeduri kriminali. Jiġi b'hekk li dan l-ilment tar-

rikorrent joħroġ 'il barra mill-ambitu tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u kwindi għandu jiġi respint;

Hekk ukoll l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** ma huwiex applikabbli għall-każ tar-rikorrent. Dan minħabba l-fatt li l-effetti ta' dan l-artikolu jibdew jgħoddu biss fil-mument li persuna tiġi formalment mgħarrfa bl-akkuża kontra tagħha jew mill-mument li din tkun ġiet affettwata b'mod sostanzjali minħabba xi suspett kontra tagħha;

Fil-każ in eżami l-*competentio ratione temporis* għal finijiet ta' jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli jew le skont l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** beda jimxi minn meta nħarġet l-akkuża, jiġfieri mill-25 ta' Marzu 2011, b'dana li l-perijodu antecedenti għal ħruġ tal-akkuża m'għandux jiġi meqjus minħabba li sa dakinhar il-lanjanza kienet għadha waħda purament fiskali u għalhekk l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** ma kienx applikabbli inkwantu huwa prinċipju assodat li materja fiskali ma taqax fid-definizzjoni ta' "*drittijiet u obbligi ċivili*" kif imfisser fl-imsemmi **artikolu 6**;

Ikkunsidrat li mill-25 ta' Marzu 2011 il-proċeduri kriminali damu ftit aktar minn sena u nofs sakemm dawn ingħalqu b'mod definittiv mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-6 ta' Diċembru 2012, tali perijodu ma jistax bl-ebda mod jitqies li kien wieħed mhux raġonevoli biex tiġi trattata u deċiża akkuża kriminali;

Għaldaqstant anke dan il-parti tal-ilment tar-rikorrent mhuwiex siewi li jiġi milqugħ;

Dejjem mingħajr ħsara għas-suespost, inkwantu jikkonċerna l-ilment bl-intestatura *'Fair Hearing'* u *'Equality of Arms'*, l-esponenti jibdew billi jissottomettu illi billi fl-**artikolu 23 (13) tal-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta** hemm dispost li r-reat jibqa' jeżisti sakemm min għamel ir-reat jikkonforma ruħu mal-liġi, b'daqshekk ma jfissirx li ġiet maħluqa xi inċertezza legali jew li l-liġi mhijiex miktuba b'mod intelliġibli. Anzi l-esponenti jemmnu li l-liġi hija ċara biżżejjed biex tfiehem li l-effetti tar-reat għandhom jibqgħu jinġarru sakemm dak li jkun jibqa' ma josservax id-dmirijiet mixħuta fuqu skont l-**artikolu 23 (13)**

**tal-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fi kliem ieħor, ir-reat jibqa' jissussisti sakemm iddum il-perserveranza ta' dak li jkun milli jottempora ruħu mal-liġi. Minn din il-perspettiva l-esponenti ma jaraw l-ebda sura ta' inċertezza legali. Dan apparti mill-konsiderazzjoni ulterjuri li l-esponenti ma jifhmux kif dan l-argument tar-rikorrent jiċċentra b'xi mod mal-jedd ta' smigħ xieraq – fis-sens li l-lokuzzjoni tal-liġi f'dan il-każ bl-ebda mod ma naqqset id-drittijiet proċesswali tar-rikorrent;

Subordinatament għalkemm ir-rikorrent taħt dan ir-ras jilmenta wkoll bi ksur tal-*equality of arms*, huwa ma jfissirx b'mod konkret dan l-assunt tiegħu. Infatti r-rikorrent ma jispjegax b'mod konket b'liema manjiera huwa ġie suppost żvantaġġjat proċeduralment meta mqabbel mal-prosekuzzjoni. Frankament imbagħad, anke li kieku stess wieħed kellu joqgħod jifli l-proċess kriminali, wieħed minnufih jirrealizza li r-rikorrent fl-ebda mument tal-kawża ma ġie mċaħħad mill-possibilità ugwali li jipproduċi l-provi u li jagħmel id-deduzzjonijiet tiegħu għas-sostenn tad-difiża tiegħu;

Tabilħaqq waqt il-proċeduri kriminali r-rikorrent kellu kull opportunità li jġib il-kontro-provi tiegħu u li jagħmel l-kontro-deduzzjonijiet tiegħu biex jegħleb dawk li ġew magħmula mill-prosekuzzjoni fuq il-punti tad-denunzji u tal-pagament tat-taxxa. Jekk huwa ma għamilx dan fiż-żmien opportun ma jistax issa f'din is-sede kostituzzjonali jiġi u jilmenta illi huwa ġie żvantaġġat jew li sofra xi mankanza tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża tiegħu;

Kwindi anke dan il-parti tal-ilment tar-rikorrent mhuwiex ġustifikat u għandu jiġi mwarrab;

Ukoll mingħajr preġudizzju għal dak fuq imsemmi, dwar il-punt tal-istat ta' impossibilità mqanqal mir-rikorrenti, l-esponenti jemmnu li dan huwa argument li jikkonċerna speċifikament il-mertu tal-kwistjoni li kellha tiġi deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali. Infatti hawnhekk ir-rikorrenti qiegħed espliċitament jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex terġa' tidħol fuq il-mertu tal-każ u b'hekk taġixxi bħala qorti ta' reviżjoni fuq il-Qorti tal-Appelli Kriminali.

Kif propriju jgħallmu l-ġuristi ***Jacobs, White & Ovey***, spiss ċitati mill-Qrati tagħna, f'paġna 243 tal-opra tagħhom, "***The European Convention on Human Rights***" (il-ħames edizzjoni), **"***The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. <u>Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be</u>. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6";*

Minn din is-silta, joħroġ ċar li mhuwiex il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti li tindaga jekk ir-rikorrent kienx jaf bil-fatt li ma kienux qed jintbagħtu l-formuli tat-taxxi jew li tinvestiga jekk id-diretturi l-oħra kienux qegħdin jaġixxu illegalment minn wara dahar ir-rikorrenti. Għalhekk safejn dan l-ilment tar-rikorrent huwa arġinat fuq rivalutazzjoni tal-provi, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeżisti milli tidħol fih;

Subordinatamement, fuq l-asserzjonijiet li r-rikorrent qiegħed jiġi mitlub jagħmel l-impossibli għaliex huwa la għandu aċċess tal-assi u informazzjoni neċessarja biex ikun jista' josserva l-**artikolu 23 tal-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta** u lanqas m'għandu dritt li jagħmel kwalisasi att in rappreżentanza tas-soċjetà Marsalite Limited, l-esponenti bid-dovut rispett ma jistgħux jifhmu kif dawn jidħlu b'xi mod mal-kunċett ta' smigħ xieraq. Tali ċirkostanzi ma xekklux lir-rikorrent milli jressaq id-debita difiża tiegħu quddiem il-qrati kriminali;

Barra minn hekk, irid jingħad li l-Qorti tal-Appelli Kriminali diġà kienet skartat din it-teżi tar-rikorrent fis-sentenza tagħha għaliex sabet li r-rikorrent ma rnexxielux juri li verament kienet teżisti xi impossibilità li kienet xxekklu milli jwettaq dak li trid

il-liġi. Għalhekk mhuwiex il-każ li din l-Onorabbli Qorti togħod tinoltra ruħha mill-ġdid fuq din il-kwistjoni;

*Multo magis*, l-esponenti xorta ma jarawx li f'dan il-każ għandu japplika l-prinċipju ta' *nemo ad impossibilia tenetur.* Dan għaliex iż-żewġ raġunijiet imsemmija mir-rikorrent mhumiex tajbin biżżejjed biex jeżoneraw lir-rikorrent mill-obbligu li jottempora ruħa mal-liġi. Tassew minkejja li llum il-ġurnata huwa m'għadux aktar direttur tal-kumpannija Marsalite Limited ma hemm xejn fil-liġi li jwaqqaf lir-rikorrent milli jħallas it-taxxa li suppost kellha titħallas fil-perijodu li huwa kien jidderiġi l-imsemmija kumpannija. Anke jekk stess illum huwa jista' jitiqes bħala terz lejn il-kumpannija, huwa prinċipju espliċitu fil-liġi tagħna *ex* **artikoli 1148** u **1149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** illi kulħadd jista' jħallas id-dejn ta' ħaddieħor u l-kreditur tal-obbligazzjoni lanqas jista' jirrifjuta l-ħlas hekk offert lilu mit-terza persuna. Ifisser dan li ma hemm xejn li jwaqqaf lir-rikorrent milli jmur għand il-Kummissarju tat-Taxxi u jissettilja l-pendenzi miegħu li jmorru għaż-żmien ta' meta kien jokkupa l-kariga ta' direttur tal-kumpannija Marsalite Limited jew għallanqas li jidħol f'arranġament mal-Kummissarju tat-Taxxi kif imsemmi fl-ewwel proviso tal-**artikolu 23 (13) tal-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta**. Naturalment dan kollu mingħajr ebda ħsara li jekk irid huwa jdur ġudizzjarjment kontra s-soċjetà Marsalite Limited għall-ammonti li jkun ħallas;

Fi żgur iżda r-rikorrent ma jistax jaqbad u jaħrab mill-obbligazzjonijiet fiskali tiegħu li kienu imposti fuqu fi żmien li huwa kien jokkupa l-kariga ta' direttur, dan bis-sempliċi riżenja tiegħu. Ir-riżenja m'għandhiex tiġi użata biex tikkanċella jew issaffi r-reat li jkun twettaq jew sabiex it-taxxa u l-bolla mnaqqsa mill-pagi tal-impjegati fis-snin in kwistjoni tibqa' ma titħallasx;

Jiġi b'hekk li anke dan il-parti tal-ilment mhuwiex mistħoqq – bil-konsegwenza finali li fil-każ tar-rikorrenti ma kien hemm l-ebda ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq tiegħu;

Dejjem bla preġudizzju għal dak kollu li ngħad aktar 'l fuq, anke l-lanjanza tar-rikorrent marbuta mad-dritt tal-proprjetà

kif imħares mill-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u **l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** ma hijiex waħda ġustifikata;

Ibda biex ir-rikorrent f'ebda mument ma ġie spussessat mill-ġid tiegħu la bl-applikazzjoni tal-liġi fiskali u lanqas bl-għoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Għalhekk huwa ma jistax jirrikorri għal protezzjoni taħt l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** għaliex dan jidħol fix-xena biss meta jkun hemm teħid obbligatorju tal-pussess. F'dan il-każ, l-ebda wieħed mill-intimati ma ħa xi proprjetà mingħand ir-rikorrent, anzi għal kuntrarju l-kumpannija Marsalite Limited, li kienet immexxija minnu, arrikkixxiet ruħha b'mod indebitu billi żammet flus mnaqqsa mill-pagi tal-impjegati tagħha, liema flus kienu dovuti lil Gvern ta' Malta u għalhekk ma jista' jinstab l-ebda ksur tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**;

B'żieda ma' dan, anke li kieku stess wieħed kellu jassumi li r-rikorrent ġarrab teħid ta' pussess ta' ħwejġu bil-multi li ġew inflitti fuqu, xorta huwa ma jistax isib kenn fl-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**, għaliex skont is-**subartikolu (2)(a)** u **(b)** tiegħu, dan l-artikolu ma jolqotx l-għemil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà (a) bi ħlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet jew (b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta', ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali;

Mill-banda l-oħra, inkwantu jikkonċerna l-**artikolu protokollari tal-Konvenzjoni Ewropea,** hawnhekk ukoll insibu dispost fil-*proviso* tiegħu li dan l-artikolu partikolari ma għandu b'ebda mod inaqqas d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni. Appuntu f'dan il-każ ma hemmx dubbju li ż-żewġ multi li ġew inflitti mill-Qorti tal-Appelli Kiminali kienu joħorġu mil-liġi u ttieħdu fl-interess ġenerali għall-iskop li jiġi żgurat il-ħlas tat-taxxa. Għalhekk anke dan l-artikolu ma jistax jiġi invokat mir-rikorrent;

Fl-aħħarnett biex it-tweġiba tkun sħiħa, l-argument miġjub mir-rikorrent li l-ammont ta' taxxa pendenti huwa akbar mis-

salarju li huwa daħħal meta kien jaħdem għal kumpannija Marsalite Limited bl-ebda mod ma jneħħi l-fatt li dak l-ammont ta' taxxa u bolla mnaqqsa mill-pagi tal-impjegati baqa' ma tħallasx. Fl-istess waqt, dan il-fatt lanqas ma jeskolpa dak li r-rikorrent naqas milli jagħmel meta huwa kien għadu direttur tal-kumpannija *de quo.* Tassew ir-rikorrent ma jistax jippretendi li n-nuqqasijiet tiegħu jiġi minsija jew mifdija billi jinħeba wara l-iskuża tal-ammont ta' salarju li huwa pperċepixxa. Din is-sitwazzjoni r-rikorrent ġabha kollha b'idejh għaliex kien messu ħa ħsieb li jibgħat il-formoli u l-ħlasijiet tat-taxxi fil-ħin propizju. Ladarba m'għamilx dan huwa għandu jbati tal-konsegwenzi ta' għemilu. Fi żgur ma jistax issa jiġi jipprova jaħsel idejh bħallikieku huwa qatt ma għamel xejn ħażin billi jgħid li huwa m'għandux flus jew billi jsostni li t-taxxa dovuta taqbeż l-introjtu tiegħu preżenti. Dan kollu r-rikorrent miesu qiesu qabel ma wettaq ir-reati li weħel bihom;

Wara kollox l-imposizzjoni ta' multa waħda ta' €400 talli naqas li jibgħat il-formoli flimkien mal-pagamenti tat-taxxa u bolla tal-impjegati fil-ħin u l-multa addizjonali ta' €4 kuljum sakemm huwa jibqa' jippersisti milli jħallas tali ammont, fiċ-ċirkustanzi kollha tal-każ ma jistgħux jitqiesu li huma onerużi żżejjed u konswegwentement lanqas sproporzjonati;

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' April 2013 din il-Qorti ordnat illi jiġu allegati l-atti tal-proċeduri kriminali **Il-Pulizija vs Antonio Busuttil** (Appelli numru 162/2012 u 180/2012).

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti ssib illi permezz tas-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Antonio Busuttil ġie lez id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Huwa jilmenta wkoll illi l-imsemmija sentenzi jilledu d-dritt tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà a tenur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Mill-provi prodotti jirriżulta illi fis-sena 1996 huwa gie impjegat mis-soċjetà Marsalite Limited u li xogħlu kien fis-*sales*. Fis-sena 2001 ir-rikorrent sar direttur ta' din is-soċjetà u dam f'din il-kariga sakemm irreżenja fis-sena 2006. Ir-rikorrent jgħid illi fl-aħħar snin illi kien direttur ta' Marsalite Limited din bdiet sejra ħażin finanzjarjament iżda li sakemm dam direttur, huwa qatt ma ġie nfurmat illi l-kumpanija ma kienitx qiegħda tonora l-obbligi tagħha li tħallas it-taxxi u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegati tagħha. Madanakollu, ix-xhud Winifred Flores Martin li fiż-żmien in kwistjoni kienet impjegata bħala *book-keeper* mas-soċjetà Marsalite Limited, isostni li r-rikorrent, bħala direttur, kien jaf illi l-kumpannija ma kienitx qiegħda tonora l-obbligi tagħha li tħallas it-taxxi u kontribuzzjonijiet skont il-liġi.

Fis-sena 2011, u ċioè ħames snin wara li r-rikorrent irreżenja minn direttur tas-soċjetà Marsalite Limited, huwa ġie akkużat talli bħala direttur tas-soċjetà msemmija għas-snin 2003 sa 2006 naqas milli jibgħat il-formoli tat-taxxa skont is-sub artikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regoli tal-1998 dwar il-Final Settlement System (FSS) – l-Avviż Legali 88 tal-1998, maħruġ ai termini tal-imsemmi artikolu 23, u talli naqas milli jħares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Permezz ta' sentenza datata 23 ta' Marzu 2012, ir-rikorrent instab ħati tal-akkuża miġjuba kontrih mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ġie kkundannat iħallas multa ta' €400. Permezz ta' sentenza datata 6 ta' Diċembru

2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fejn din tal-aħħar sabet lir-rikorrent ħati tal-akkuża miġjuba kontrih u kkundannatu multa ta' €400, u b'żieda ma dan, imponiet multa addizzjonali ta' €4 għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat u ċioè sad-data meta r-rikorrent iħallas l-ammont dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi, liema ammont huwa ta' €323,494. Din il-multa addizzjonali ġiet ordnata mill-Qorti skont l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom, l-intimati jeċċepixxu li l-Kummissarju tat-Taxxi mhuwiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet attriċi a tenur tal-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan l-artikolu jipprovdi fl-ewwel sub inċiż illi:

> "*Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni*."

Il-Qorti tqis li l-intimati għandhom raġun fl-eċċezzjoni tagħhom. Permezz ta' din l-azzjoni r-rikorrent qiegħed jattakka l-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tiegħu u mhux xi azzjoni diretta tal-Kummissarju tat-Taxxi u għaldaqstant, dan tal-aħħar m'huwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Fil-mertu, il-Qorti tibda billi tikkunsidra dawk l-ilmenti tar-rikorrent li huma bbażati fuq allegata lezjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq skont l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

L-ewwel sub inċiż tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jaqra hekk:

> "*Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*"

L-ewwel sub inċiż tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

*"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

Kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Darren Aquilina vs L-Onorevoli Prim Ministru et tal-31 ta' Mejju 2013:

*"Illi hu principju assodat kemm fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja, kif ukoll f'dik patria, li d-determinazzjoni tal-ezistenza o meno ta' lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq jinnecessità ezami tal-procedura gudizzjarja kollha kemm hi fit-totalità taghha."*

Il-Qorti tibda billi ttenni li huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea li l-funzjoni ta' din il-Qorti mhijiex li tagħmilha ta' qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' qrati oħra. Kif spjegat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali tal-Fgura et, deċiża fit-8 ta' Jannar 2010:

*"Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara din il-Qorti*

*huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b'mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti*."

L-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet J.E.M. Investments vs Avukat Ġenerali tat-30 ta' Settembru 2011 qalet:

*"23. Illi kif tajjeb osservat il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-socjetà rikorrenti, id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-<u>meritu</u> izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi <u>principji procedurali</u> (indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*

*24. Effettivament il-Qorti Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem dejjem sostniet li:*

*a. "The question whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under its so called "fourth instance formula", it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings". (**Application 6172/73, X v. U.K**.)*

*Jinghad ukoll li:*

*b. "It is primarily for the national law to lay down rules on the admissibility of evidence and for the national court to assess the evidence which is adduced"*

*Izda gie precizat li:*

*c. "Notwithstanding the general statements above, the Commission stated that it would intervene where the assessment of evidence disclosed gross unfairness or arbitrariness. (**Applikazzjoni: 7987/77**). What this means in practice has not been explored. The fact that a judge prefers the evidence of a particular witness is unlikely to be sufficient, unless his stated reasons for doing so disclose a fundamental unsoundness. (**Schuler–Zgraggen v Switzerland 1993**)."*

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emmanuel Camilleri vs Avukat Ġenerali tat-28 ta' Ġunju 2012 irriteniet:

*"Illi huwa opportun hawnhekk li l-Qorti taghmel referenza ghal ktieb ta' **Jacobs and White**, The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f'pagna 140, fejn l-awturi jikkummentaw fuq l-hekk imsejha "**fourth instance" doctrine**, u l-kuncett zbaljat li jezisti dwar is-sistema tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti qed tislet minn dan il-ktieb dawn il-principji:*

***1. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts.***

***2. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention.***

***3. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on.***

***4. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be.***

***5. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts.***"

Finalment, kif qalet reċentement din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et tad-29 ta' Settembru 2016:

"*Illi l-Qorti tibda biex tgħid li huwa stabbilit li bil-kliem 'smigħ xieraq' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabiliti fil-Konvenzjoni. Għalhekk, is-setgħat ta' din il-Qorti fil-kompetenza li fiha tressqet quddiemha l-kawża tar-rikorrent mhuwiex dak li tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-Qrati ta' kompetenza kriminali li quddiemhom instema' l-każ tar-rikorrent u li taw is-sentenzi li minnhom jilminta. F'dan ir-rigward, xogħol din il-Qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill-Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilminta r-rikorrent qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom.*"

Stabbilit dan kollu, imiss issa li jiġu kkunsidrati l-ilmenti speċifiċi tar-rikorrent. Permezz tal-ewwel ilment tiegħu, ir-rikorrent isostni li ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq għaliex wieħed mill-aggravji tiegħu sollevat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ma ġiex indirizzat u deċiż. Huwa jilmenta li l-Qorti tal-Appell ma ddeterminatx l-aggravju tiegħu fis-sens illi filwaqt li huwa ġie akkużat talli naqas milli jibgħat il-formoli tat-taxxi, f'dan il-każ il-formoli nnifishom intbagħtu imma mhux dejjem intbagħt il-pagament relattiv, u li madanakollu r-rappreżentant tat-taxxa ma setgħax jagħti dettalji dwar dawn.

Il-Qorti sejra tibda billi tagħmel riferenza għall-każ ta' Burg and Others v. France (deċiż fit-28 ta' Jannar 2003) fejn il-Qorti Ewropea osservat illi:

"*The Court reiterates that although Article 6 [1] obliges courts to give reasons for their decisions, it cannot be understood as requiring a detailed answer to every argument [see Vande Hurk v the Netherlands, judgment of*

*19 April 1994, Series A no.288 para.61; Immeubles Groupe Kosser v France [dec] 38748, 9 March 1999; and Latournerie v France [dec] no 50321/99, 10 December 2002]. Nor is the Court called upon to examine whether arguments are adequately met. Courts must reply to parties' essential agruments, but the extent to which that duty applies may vary in accordance with the nature of the decision and must therefore be assessed in the light of the circumstances of the case [see, among other authorities, Hiro Balani v Spain, judgment of 9 December 1994, Series A no.303-B p.29 para.27]."*

B'żieda ma dan, għalkemm l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea '*obliges courts to give reasons for their decisions, it cannot be understood as requiring a detailed answer to every argument*' (**Garcia Ruiz v Spain**, deċiża fil-21 ta' Jannar 1999). L-istess ġie ritenut fis-sentenza **Van de Hurk v Netherlands** (deċiża fid-19 t'April 1994), **Jahnke and Lenoble v France** (deċiża fid-29 t' Awwissu 2000) u **Perez v France** (deċiża fit-12 ta' Frar 2004). Konsegwentement, il-Qorti tista' '*in dismissing an appeal, (...) simply endorse the reasons for the lower court's decision*'.

Fl-imsemmi każ ta' **Garcia Ruiz v Spain**, ir-rikorrent ilmenta mill-fatt li l-Audiencia Provincial ta' Madrid naqas li jagħtih risposta għall-argumenti mressqa minnu. Il-Qorti Ewropea però nnotat li r-rikorrent '*had the benefit of adversarial proceedings*' u li, f'kull waqt tal-proċeduri, '*he was able to submit the arguments he considered relevant to this case*' u fir-rigward tas-sentenza tal-Appell tal-Audiencia Provincial, din tal-aħħar '*endorsed the statement of the facts and the legal reasoning set out in the judgment at first instance in so far as they did not conflict with its own findings*' u, konsegwentement, sabet li r-rikorrent f'dawk il-proċeduri ma setax jargumenta validament '*that this judgement lacked reasons, even though in the present case a more substantial statement of reasons might have been desirable*'.

Fil-ktieb tagħhom The European Convention on Human Rights (tielet edizzjoni) l-awturi Jacobs and White jgħidu hekk:

*"A reasoned decision, while not expressly required by Article 6, is implicit in the requirement of a fair hearing, which has been recognized by the Court. If a court gives some reasons, then prima facie the requirement of Article 6 in this respect are satisfied, and this presumption is not upset simply because the judgment does not deal specifically with one point considered by an applicant to be material. On the other hand, if for example, an applicant were to show that the court had ignored a fundamental defence, which had been clearly put before it and which, if successful, would have discharged him in whole or in part from liability, then this would be sufficient to rebut the presumption of a fair hearing."*[1]

L-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick jispjegaw fil-ktieb tagħhom Law of the European Convention on Human Rights (tieni edizzjoni) illi:

*"Precisely what is required will depend upon the nature and circumstances of each case. It is not necessary for the court to deal with every point raised in argument. If, however, a submission would, if accepted, be decisive for the outcome of the case, it may require a "specific and express reply" by the court in its judgment, although an "implied rejection" may be sufficient if clear.*

*...*

*The right to a reasoned judgment applies to appelate, as well as lower court, decisions, although an appelate judgment may not have to be so fully reasoned. It may be sufficient for an appeal court that agrees with the reasoning of the trial or lower appeal court simply to incorporate that reasoning by reference or otherwise indicate its agreement with it. The essential requirement in such cases is that, in one way or another, the appeal court shows that it "did in fact address the essential issues" in the appeal, and did not endorse them without evaluating the decision of the lower court or allow an appeal without*

[1] Paġna 158

*addressing them (Helle v Finland; Lindner and Hammermayer v Romania).”*[2]

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, din il-Qorti tibda billi tirrileva li minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, jirriżulta li l-Qorti kienet sodisfatta li l-formoli in kwistjoni ma ntbaghtux. Dan neċessarjament ifisser illi l-aggravju tar-rikorrent ġie kkunsidrat mill-Qorti u respint. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċitata, il-Qorti tal-Appell dan ma kellhiex għalfejn tagħmlu bi kliem speċifiċi, imma biżżejjed li jiġi muri li l-Qorti tkun indirizzat il-kwistjonijiet ċentrali mressqa quddiemha (f’dan il-każ l-aggravji sollevati mir-rikorrent), xi ħaġa li din il-Qorti hija sodisfatta li l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-fatt għamlet. B’żieda ma dan, din il-Qorti tinnota li l-akkuża miġjuba kontra r-rikorrent m’hijiex biss illi huwa ma bgħatx il-formoli relattivi, kif donnu qiegħed jippretendi, iżda tinkludi wkoll nuqqas ta’ ħlas ta’ taxxa u kontribuzzjonijiet relattivi.

Ir-rikorrent jilmenta wkoll illi ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit bl-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u ċioè li jkun meqjus innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi. Dan peress illi bħala direttur tas-soċjetà Marsalite Limited huwa kien meqjus responsabbli għall-ħlas ta’ taxxa u kontribuzzjonijiet f’għajnejn il-liġi.

Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni speċifikament jipprovdi li:

“*(5) Kull min jiġi akkużat b’reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:*

*Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta’ xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma’ jew bi ksur ta’ dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta’ fatti partikolari.*” (Sottolinejar ta’ din il-Qorti).

[2] Paġna 268

Fil-fatt, huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea li huwa aċċettabbli li l-liġi tal-istati membri tipprovdi għal ċertu presunzjonijiet f'każijiet partikolari u dan ma jwassalx awtomatikament għall-ksur tas-smigħ xieraq skont l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni. Fil-każ ta' Salabiaku v France deċiża fis-7 ta' Ottubru 1988 il-Qorti ta' Strasbourg qalet proprju hekk:

> "*Presumptions of fact or of law operate in every legal system. Clearly the Convention does not prohibit such presumptions in principle. It does, however, require the Contracting States to remain within certain limits in this respect as regards criminal law.* (...) *It requires States to confine them within reasonable limits which take into account the importance of what is at stake and maintain the rights of the defence.*"

Fil-ktieb tagħhom Law of the European Convention on Human Rights (Tieni Edizzjoni), l-awturi Harris, O"Boyle & Warbrick jispjegaw illi:

> "*Although the burden of proof must generally fall upon the prosecution, it may be transferred to the accused when he is seeking to establish a defence. Similarly, Article 6(2) does not prohibit presumptions of fact or of law that may operate against the accused. However, it does require that states confine such presumptions "within reasonable limits which take into account the importance of what is at stake and maintain the rights of the defence". This was stated in the leading case of Salabiaku v France in which the applicant had been convicted of the strict liability customs offence of smuggling prohibited goods.*
>
> *(...)*
>
> *As the Salabiaku case also decided, Article 6(2) does not prohibit offences of strict liability which are a common feature of the criminal law of the Convention parties. An offence may thus be committed, consistently with Article 6(2) on the basis that a certain act has been committed, without it being necessary to prove mens rea. Provided a state respects the rights protected bt the Convention, it is*

*free to punish any kind of activity as criminal and to establish the elements of the offence in its discretion, including any requirement of mens rea."*[3]

Stabbilit dan kollu, il-Qorti tirrileva li l-artikolu 23 tal-Kap. 372 ma joħloq l-ebda preżunzjoni legali jew fattwali kontra l-imputat. Sakemm il-prosekuzzjoni ma tipprovax illi l-imputat ikun verament naqas milli jħares l-obbligi msemmija f'dak l-artikolu, huwa jibqa meqjus innoċenti.

Dak li qed jiġi allegat f'dan il-każ huwa li l-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra r-rikorrent jilledu d-dritt tiegħu għal smigh xieraq għaliex ma ġietx applikata l-presunzjoni tal-innoċenza billi, kif jingħad fir-rikors promotorju, ir-rikorrent instab ħati <u>bħala direttur</u> tas-soċjetà Marsalite Limited.

Fil-każ tar-rikorrent, il-prosekuzzjoni kkonvinċiet lill-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti tal-Appell Kriminali bil-ħtija tar-rikorrent qua imputat li bħala direttur tas-soċjetà Marsalite bejn is-snin 2003 u 2006 naqas milli josserva l-obbligi tiegħu li jibgħat il-formoli u ħlasijiet relattivi u fl-ebda stadju ma ġie mittiefes id-dritt tar-rikorrent li jkun preżunt innoċenti. Il-fatt illi l-liġi tpoġġi ċertu obbligi bħal ma huma obbligi fiskali fuq diretturi ta' kumpanniji ma jfissirx illi d-direttur ikun tilef id-dritt li jiġi meqjus innoċenti.

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ssib illi mhuwiex minnu li d-drittijiet tar-rikorrenti ġew leżi sempliċiment għaliex instab ħati tar-reat in kwistjoni bħala direttur ta' Marsalite Limited.

Ir-rikorrent jilmenta wkoll illi ġie leż id-dritt tiegħu li jingħata smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli. Hawnhekk jirriżulta li l-attur qiegħed jilmenta mill-fatt illi huwa tressaq il-Qorti fis-sena 2011 għal reat illi huwa kkommetta bejn is-snin 2003 u 2006, b'dan illi ġie akkużat b'dan ir-reat ħames snin wara li rriżenja minn direttur ta' Marsalite Limited. Madanakollu, huwa stabbilit illi d-dritt għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea jsib applikabbli biss mill-mument li persuna tiġi mgħarrfa bl-akkuża kontriha jew miż-żmien illi din

[3] Paġna 301

tkun ġiet affetwata sostanzjalment minħabba xi suspett kontra tagħha u l-ebda żmien anteċedenti.

Fil-ktieb tagħhom Law of the European Convention on Human Rights (Tieni Edizzjoni), l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick jispjegaw illi:

> "*The rights guaranted by Article 6 apply, firstly, when a "criminal charge" is being determined. Article 6 thus only begins to apply when a criminal investigation has reached the point where the applicant has been "charged" with a criminal offence*."[4]

Huma jkomplu hekk:

> "*Like the word "criminal", "charge" has an autonomous Convention meaning. It is "the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" or some other act which carries "the implication of such an allegation and which likewise substantially affects the situation of the suspect" (Corigliano v Italy)*."[5]

Fil-każ odjern jirriżulta li l-akkuża kontra r-rikorrent ħarġet f'Marzu tas-sena 2011. Il-proċeduri ġew fi tmiemhom definittivament permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'Diċembru tal-2012 u għaldaqstant, ċertament illi ma kien hemm l-ebda dewmien li minnu jista' jilmenta r-rikorrent fil-kuntest tad-dritt għal smigħ xieraq.

Ir-rikorrent imbagħad jirreferi għall-prinċipji ta' '*equality of arms*' u ċertezza legali. Huwa jilmenta li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq jimplika li għandu jkun hemm ċertezza legali sabiex ir-reat li tiegħu nstab ħati jkollu perjodu preskrittiv bħal kull reat ieħor. Hawnhekk jidher li r-rikorrent qiegħed jilmenta mill-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet illi m'għandu jgħaddi l-ebda perjodu preskrittiv sakemm ir-rikorrent jottempera ruħu mal-liġi u dan skont l-artikolu 23(13) tal-Kap

[4] Paġna 204

[5] Paġna 209

372 li jipprovdi li reat taħt dak l-artikolu '*jibqa' jeżisti sakemm min jagħmel ir-reat ikun ikkonforma ma' u ħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih'*.

Dwar il-prinċipju tal-*equality of arms* ingħad hekk mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Huseyn and Others v Azerbaijan (26 ta' Lulju 2011):

> "*That right means, inter alia, the opportunity for the parties to a trial to present their own legal assessment of the case and to comment on the observations made by the other party, with a view to influencing the court's decision.*"

Hekk ukoll l-istess Qorti fil-każ A.B. v Slovakia (4 ta' Marzu 2003) spjegat illi:

> "*The principle of equality of arms – one of the elements of the broader concept of a fair trial – requires that each party should be afforded a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-a-vis his or her opponent.*"

Ir-rikorrent ma jispjegax kif ġie leż id-dritt tiegħu li fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tiegħu ikun hemm *equality of arms*. Bl-ebda mod ma jirriżulta li ġie proċeduralment żvantaġġjat meta mqabbel mal-prosekuzzjoni kif tippresuponi n-nuqqas ta' *equality of arms*.
B'żieda ma dan, il-fatt illi l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 jipprovdi li r-reat jibqa' jeżisti sakemm min għamel ir-reat jikkonforma ruħu mal-liġi ma jfissirx li ġiet maħluqa xi inċertezza legali.

Din il-Qorti jirriżultalha li permezz ta' dan l-ilment tiegħu, ir-rikorrent qiegħed sempliċiment jistieden lill-Qorti sabiex tidħol fil-mertu tal-proċeduri kriminali *de quo*. Kif sewwa jgħidu l-intimati fir-risposta tagħhom, m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tindaga jekk ir-rikorrent kienx jaf bil-fatt illi ma kienux intbgħatu l-formoli u ħlasijiet relattivi lill-Kummissarju tat-Taxxi jew li tinvestiga l-aġir tad-diretturi l-oħra tal-kumpannija. Ir-rikorrent qiegħed jistieden lill-Qorti tevalwa l-provi miġjuba fil-

proċeduri kriminali, xi ħaġa li hija prekluża milli tagħmel sakemm ma jirriżultax xi nuqqas proċedurali li konsegwenza tagħhom ġie leż id-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq, xi ħaġa li ma tirriżultax fil-każ tal-lum.

Id-dritt għall-smigħ xieraq ma jinkludix fih id-dritt illi r-rikorrent jiġi kkundannat b'mod illi hu iqis li huwa ġust. Il-fatt illi m'għoġbitux is-sentenza ma jfissirx illi ġie leż id-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq. Permezz ta' dan l-ilment ir-rikorrent qiegħed sempliċiment jipprotesta mill-fatt illi ġiet imposta mill-Qorti Kriminali multa għal kull ġurnata li huwa jdum ma jottempera ruħu mal-liġi. Madanakollu, kemm il-liġi u kemm s-sentenza tal-Qorti tal-Appell huma ċari u ma tqum l-ebda kwistjoni ta' ċertezza legali. Meta r-rikorrent jottempera ruħu mal-liġi, ma jibqax jissussiti dan ir-reat.

Finalment, ir-rikorrent jilmenta li huwa jinstab fi stat ta' impossibiltà li jirregola ruħu mal-Kummissarju tat-Taxxi. Għal darb'oħra jirriżulta li r-rikorrent qiegħed jistieden lil din il-Qorti tinvestiga l-mertu ta' dak deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti tal-Appell Kriminali.

M'hemmx dubju li r-rikorrent fiż-żmien illi kien direttur tas-soċjetà Marsalite Limited kien responsabbli sabiex jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni il-formoli in kwistjoni kif ukoll il-ħlas relattiv. Ma jistax issa rinfaċċjat b'sentenza iebsa jilmenta minn nuqqas ta' smigħ xieraq sempliċiment għaliex fil-fehma tiegħu s-sentenza m'hijiex waħda ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Il-proċeduri kostituzzjonali u taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta mhumiex intiżi biex jerġa' jiġi eżaminat il-mertu ta' kawżi, iżda huma limitati sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni ta' dritt fondamentali fil-kors, jew b'riżultat, ta' dawk il-proċeduri. Ir-rikorrent isostni li m'għandux aċċess għall-assi u informazzjoni tas-soċjetà Marsalite Limited iżda dan ma jfissirx li huwa jinsab fi stat ta' impossibiltà li jottempera ruħu mal-liġi u wisq inqas ma jfisser li huwa ma ngħatax smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tiegħu.

F'dan il-każ ma kien hemm l-ebda nuqqas fil-proċedura li jwassal għal-leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrent għal smigħ xieraq. Meta wieħed jagħsar dan l-ilment tar-rikorrent jirriżulta li huwa qiegħed jerġa jistieden lil din il-Qorti tinvestiga l-mertu deċiż fil-proċeduri kriminali u xejn aktar.

Għalhekk, u wara li fliet bir-reqqa tal-atti proċedurali impunjati, din il-Qorti taqbel mal-intimati li l-ebda waħda mill-garanziji tas-smigħ xieraq tar-rikorrent ma ġie leż u għaldaqstant, l-ilmenti tiegħu kollha taħt l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni qegħdin jiġu miċħuda.

Permezz tal-aħħar ilment tiegħu, ir-rikorrent jikkontendi li ġew leżi d-drittijiet tiegħu għat-tgawdija ta' proprjeta għaliex huwa allegatament m'għandux biex iħallas l-ammont dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi. Jibda biex jingħad illi assolutament ma jirriżultax li r-rikorrent ġie spussessat mill-proprjetà tiegħu u allura f'dan l-istadju lanqas biss huma applikabbli l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Hawnhekk ir-rikorrent qiegħed għal darb'oħra jilmenta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. A skans ta' repetizzjoni, din il-Qorti sejra tillimita ruħha billi tiċċara li kemm l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdu ċar u tond għall-eċċezzjoni f'każ ta' ħlas ta' taxxa u penali u għaldaqstant, l-anqas dan l-ilment tar-rikorrent ma jimmerita li jiġi milqugħ.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tillibera lill-Kummissarju tat-Taxxi mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

IMHALLEF

DEP/REG